L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 14 ta' Novembru, 2003

# Oppozizzjoni

L-GVERN Nazzjonalista nahseb li jista' jkollu krizi ta' identità. Ghalkemm bhalissa l-Gvern Nazzjonalistasuppost mohhu fuq il-Budget li se jsir dalwaqt, xorta wahda jonqos il-fatt li l-Gvern iservi ta' Oppozizzjoni ta' l-Oppozizzjoni.

I

Forsi xi darba seta' ghaddielkom minn raskom x'hiex suppost hija maghmula d-demokrazija Maltija. F'certu sens huwa facli tirrispondi ghal mistoqsijiet bhal din. Mill-Gvern u mill-Oppozizzjoni.

Imma li forsi huwa iktar interessanti f'Malta huwa s-sehem doppju tal-Gvern li mhux talli jaghti kas affarieh u jara li jaghmel xoghlu sewwa bhala Gvern izda talli jaghti priorità ghas-sehem tieghu bhala Oppozizzjoni.

Sfortunatament dan minkejja l-fatt li l-ebda hassieb politiku li naf bih jien ma naf li qatt penga bhala xi polonna importanti tad-demokrazija r-rwol tal-Gvern li jmaqdar l-Oppozizzjoni.

Safejn naf jien l-Oppozizzjoni ghandha s-sehem ufficjali li ssib id-difetti tal-gvern u tikkontrollahom u tissorveljahom mhux il-Gvern joqghod ifittex ix-xaghra fl-ghagina lill-Oppozizzjoni.

Jista' jkun li allura ghalhekk il-Gvern taghna jista' jnaqqas xi ftit mill-efficjenza tieghu billi qed izid sehem li l-ebda kostituzzjoni ma tatulu – li jkun Oppozizzjoni ta' l-Oppozizzjoni jew fi kliem iehor kritiku ta' l-Oppozizzjoni. Dan iktar u iktar meta niftakru li l-Oppozizzjoni u l-kritika taghha qeghdin jigu l-ewwel ghall-Gvern – qabel l-agenda politika tieghu.

F'Il-Mument tal-Hadd li ghadda, biex niehdu ezempju, pagna 1,2,4, 5 u 7, kienu ddedikati kwazi totalment (minn barra l-ispazji ghar-reklamar u xi erba' kaxxi zghar b'ahbarijiet ohra), biex jipprovaw ihammgu lill-Partit Laburista.

Hafna minn dawn l-artikli iktar kienu qeghdin isibu x-xaghra fl-ghagina milli hag'ohra – specjalment meta wiehed jikkonsidra li l-Gvern l-iskandli tieghu dejjem jitilghu ghal-livell ta' frodi, abbuz ta' poter, irregolaritajiet f'offerti mressqa fil-qrati,libelli jew ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

Sahansitra r-rapport ta' kliemil-PM kien igib it-titlu "Jidher li anke l-Partit Laburista jrid li Malta taghmel success fl-Unjoni Ewropea".

Titlu iehor li kien jidher bi prominenza kien proprju t-tkomplija ta' l-istess rapport ta' kliem il-PM fuq it-tieni pagna li ghal darb'ohra bi kliem iswed u kbir kien jghid "L-ewwel test tal-Partit Laburista se jkun il-Budget li gej" u li wera x-xewqa kbira tal-PM li jdahhal lill-Oppozizzjoni fil-basla tal-Budget li gej.

Anke l-Prim Ministru stess donnu ma jafx jitkellem dwar kwistjonijiet partikolari bla ma jirrelatahom mal-Partit Laburista.

Artikli ohra kienu jiffokaw fuq membri tal-Partit u incidenti li graw li b'xi mod drammatiku jigu minfuha. Fosthom issemmew il-Kunsill tal-Hamrun u ta' Haz-Zebbug. Fi kliem iehor, **Il-Mument** hija pjuttost "gazzetta kontra l-Partit Laburista".

Nixtieq insir naf meta l-Partit Nazzjonalista se johrog il-gurnal tieghu dwar il-Partit Nazzjonalista u meta se tibda c-cirkolazzjoni tieghu fis-suq. Inkun interessata nixtieh.

Naturalment kull ma ghidt dwar **Il-Mument** jista' jintqal ghal **In-Nazzjon**. Hafna drabi l-maggoranza tal-pagni tal-bidu jkunu dwar il-Partit Laburista, u iktar milli dwaru, kontrih.

Informazzjoni dwar il-Partit Nazzjonalista tkun f'xi pagna tlieta bhalma kienet informazzjoni fuq il-Kunsill Generali tal-Partit Nazzjonalista nhar il-Hadd.

Lill-Partit Nazzjonalista xi kultant nimmaginah qisu Rozi ta' l-istorja – dik il-mara wara l-persjana l-hin kollu tissendika lill-gara u ma' kull persuna li tghaddi tohrog biex tghid fuq il-gara, u iktar milli fuqha, kontriha – u tant tehda fis-sendikar u fl-ilsien hazin li anke jekk ikollha l-kitla taghli xorta tibqa' tghasses lill-gara u jekk jista' jkun tohrog ittaqtaq kontriha ma' dawk li jkunu ghaddejjin mit-triq.

Il-Gvern Nazzjonalista jimxi ezattament hekk – ghax bl-ekonomija tal-pajjiz tbaqbaq u taghli xorta wahda mohhu fil-girien u jtaqtaq kontrihom.